# Żoni li Servew għad-Dfin fl-Isla

minn Eman Bonnici

Bħall-biċċa l-kbira tal-ibliet u l-irħula madwar Malta, il-belt tal-Isla, minn wara li inbniet fuq idea tal-Gran Mastru Juan D'Omedes li, bil-kostruzzjoni tal-Forti San Mikiel għall-ħarsien tal-Port il-Kbir, nissel ħajja ġdida fil-post, li sa dik il-ħabta kien fil-parti l-kbira tiegħu diżabitat u kellu biss kappella ċkejkna ddedikata lil San Ġiljan li kienet taqa' mal-matriċi tal-Birgu, kellha wkoll l-ispazju tagħha riservat għall-mejtin. Bl-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' din il-belt tissokta għaddejjha taħt il-Gran Mastru Claude de la Sengle, li ssokta jdawwarha bis-swar, il-Gran Mastru Jean de la Valette inkurunaha bit-titlu ta' *Civitas Invicta* għas-sehem tagħha bla mirbuħa matul l-Assedju l-Kbir.

## Il-Knisja ta' San Ġiljan

Bl-oriġini tagħha jmorru lura għall-1311, preċiż maġenb din id-daqsxejn ta' knisja ddedikata lil San Ġiljan l-Ospitalier, patrun tal-kaċċaturi, bl-oriġini tagħha marbuta propju ma' din l-aħħar għall-fatt li l-inħawi kienu riservati għal dan il-għan, għaldaqstant mal-karatteristika tal-istess qaddis, jissemma li kien hemm ċimiterju ċkejken li kont tasal għalih minn bieb fuq in-naħa tal-lemin tal-artal tal-knisja. Dan ifisser mhux dik li naraw illum, li telgħet fuq pjanta ta' Lorenzo Gafà, għax qabilha inbnew infatti fil-post tnejn oħra.



*Fl-imgħoddi mbiegħed, maġenb il-knisja ta' San Ġiljan, kien jeżisti ċimiterju.*

Il-knisja li hemm wieqfa fil-preżent telgħet minflok oħra ddisinjata mill-Inġinier Fra Diego Perez De Malfreire, Portugiż, u din minfok oħra aktar antika li tmur lura kif rajna għas-seklu erbatax. Ta' min isemmi li, għal xi żmien, l-Agostinjani Skalzi[1] kienu residenti fit-tieni knisja ddedikata lil dan il-qaddis matul l-episkopat ta' Mons. Baldassare Cagliares iżda ma damux fiha ħlief sitt xhur. X'seħħ sewwasew mill-fdal ta' dawk midfuna fiċ-ċimiterju anness mal-knisja oriġinali, u li llum għeb għalkollox, ma nafux, imma l-fehma hija li kien imqiegħed f'xi lok partikolari maqtugħ apposta fil-blat meta telgħu t-tieni u t-tielet knisja u sal-lum għaldaqstant għadhom jinsabu mistura f'xi mkien mitluf u minsi.

## Il-Knisja ta' Sidtna Marija tal-Vitorja

Il-knisja ta' Sidtna Marija tal-Vitorja, li aktarx inbniet fuq pjanta ta' Vittorio Cassar, iben il-magħruf Ġlormu, mat-tlugħ tagħha ma damitx ma bdiet isservi bħala lok għad-dfin tas-Sengleani. It-tieni kappillan tal-Isla, ngħidu aħna, Dun Vinċenz Caruana, li miet fis-6 ta' Awwissu 1617 indifen fl-ewwel kappella li nbniet fil-knisja, iddedikata lil Santa Katarina, li l-ispejjeż tagħha tħallsu mill-familjari tiegħu. Dun Cosmo

Talavera li ssuċċedieh, ukoll sab il-mistrieħ tiegħu f'dan il-maqdes ma' mewtu fis-7 ta' Diċembru 1634, bil-qabar li fih indifen eventwalment jiġi riservat għall-użu tal-qassisin.

Id-dfin fil-knisja ma kienx madankollu riservat għall-membri tal-kleru biss iżda għall-parruċċani kollha. Infatti, Mons. Baldassare Cagliares fil-viżta pastorali tiegħu tal-1616, isemmi li sab il-knisja miżgħuda b'ħafna oqbra, mhux biss mal-paviment tagħha fejn kien hemm mija u sitta u tletin wieħed, imma wkoll ħames sotterrani riservati għall-membri ta' konfraternitajiet diversi. Mal-kostruzzjoni tal-Oratorju tal-Kurċifiss tħaffer sotterran ieħor taħtu għall-użu tal-fratelli li kellu erbgħa u għoxrin qabar waqt li sotterran ieħor ġie maqtugħ taħt il-kappella tat-Trinità qrib il-bieb ta' barra tal-knisja.

Mal-ftuħ taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid, id-dfin fl-Isla ġie fi tmiemu bħal dak tal-Belt Valletta, il-Furjana, Bormla u l-Birgu, li għalihom inbena dan il-midfen sabiex jiġi evitat id-dfin fl-ibliet minħabba riskji sanitarji. L-arċiprieti ta' dawn il-parroċċi madankollu żammew id-dritt li jindifnu fil-knisja parrokkjali rispettiva tagħhom. Infatti, l-aħħar Arċipriet tal-Isla li ndifen fil-knisja Kolleġġjali kien Dun Franġisk Briffa li miet fl-24 ta' April 1908. Bil-knisja parrokkjali mġarrfa b'ħidmet l-għadu tul it-Tieni Gwerra Dinjija, dik tal-lum tinkorpora fiha qabar wieħed imħaffer matul il-parrokat tal-Kan. Dun Ġwann Karlu Burlò fil-Kappella tas-Sagrament, li għalkemm intenzjonat sabiex fih jindifen hu stess flimkien mas-suċċessuri tiegħu, eventwalment baqa' vojt.

## IĊ-ĊIMITERJU TA' SANTU ROKKU

Meta l-Isla wkoll intlaqtet mill-flaġell tal-pesta fl-1592, l-ewwel vittmi ndifnu barra l-knisja parrokkjali f'ċimiterju li twaqqaf għalihom li ħa l-isem ta' Santu Rokku, minħabba kappella ċkejkna li saret f'nofsu ddedikata lill-qaddis protettur kontra dan il-flaġell qerriedi. Wieħed seta' jidħol direttament fiċ-ċimiterju mill-knisja nnifisha, preċiżament mill-bieb li kien iħares lejn in-Nofsinhar.[2] Fil-viżta pastorali tiegħu tal-1616, Mons. Cagliares ordna li jitwaqqaf salib fuq plier tal-ġebel f'nofs il-kampusant b'tifkira ta' dawk midfuna fih.

Wara li fl-1622, il-Kongregazzjoni tal-Onorati għall-ewwel ħadet f'idejha l-kappella taċ-ċimiterju u wara ftit kisbet permess biex tkun tista' tkabbarha billi jieħdu l-ispazju miċ-ċimiterju nnifsu. Dan ġie fi tmiemu meta minfloku tela' l-Oratorju tal-Purifikazzjoni tal-Verġni Marija[3], jew kif inhu magħruf aħjar, l-"Oratorju tal-Kandlora".

## IĊ-ĊIMITERJU TAL-PESTA

Għalkemm kien tal-Isla, qajjem, matul is-snin, għadd ta' kontroversji fuq liema kappillan kellu d-dritt ibierek is-sit għall-fatt li kien jinsab f'territorju appartenenti lill-parroċċa ta' Bormla. Inbena fl-1676 sabiex fih jindifnu l-vittmi tal-flaġell tal-pesta li ħalla ħerba madwar il-gżira kollha matul il-parrokat ta' Dun Franġisk Azzopardi. Iċ-ċimiterju laqa' fih mal-elfejn ruħ, fosthom lill-Kappillan Azzopardi nnifsu, li saqa' vittma tal-istess imxija f'Lulju tal-istess sena. Kien l-istess Azzopardi li ħabrek sabiex l-Isla tikseb din il-biċċa art mingħand is-sid, ċerta Grazzja Di Bartolo, li minflok ħlas, rabtet lill-parroċċa tal-Isla sabiex tagħmlilha funeral u quddies wara mewtha.[4]

*F'Novembru 2011, meta kien qed isir bdil tal-paviment fil-parti tal-knisja fejn, sa qabel il-gwerra, kien hemm l-artal tat-Trinità u fejn illum hemm l-istatwa tat-Trinità, tfaċċaw dawn l-oqbra li ġew mirdumin meta nqata' d-dfin mill-knejjes.*




Nell' anno medesimo 1676 a 21 luglio
Morì di peste il Parroco D. Francesco Azzopardo Zelantissimo
delle Anime alla sua cura commesse, e fu sepolto nel Cemeterio
degl' Infetti nel Giardino in una Cassa di pietra vicino alla
Croce, che si vede quivi eretta su d'una Piramide.

*Ir-reġistrazzjoni tal-mewt tal-Kappillan Dun Franġisk Azzopardi (Liber Defunctorum, Vol. I, p. 157).*

Azzopardi ma kienx l-uniku saċerdot Senglean li ndifen fil-post, għax fil-lista tal-vittmi niltaqgħu ma' dsatax oħra. Dan ifisser li saċerdot fl-Isla baqa' wieħed waħdu, għax presbiteri residenti dik il-ħabta huwa magħruf li kien hemm għoxrin. Ta' min isemmi li l-Kappillan Azzopardi bierek il-kampusant u wassal fih għadd ta' vittmi, sakemm milqut huwa wkoll mill-mikrobu, miet imbarrat f'daru. Id-difna tiegħu fil-post kienet waħda partikolari, għax b'sinjal ta' radd il-ħajr lejn il-ħidmiet pastorali u umanitarji tiegħu, minkejja t-terrur li kienet għaddejja minnu l-gżira tagħna, xorta waħda kien hemm min ħaseb biex il-kappillan jingħata difna xierqa, tant li l-katavru tiegħu tqiegħed ġo sarkofagu tal-ġebel biswit salib imtella' fuq piramida.[5]

Bil-kwistjonijiet dwar il-jedd ta' kappillan u ieħor itulu s-snin, iċ-ċimiterju safa' abbandunat u kien irrestawrat minn żmien għal żmien fuq amar tal-isqfijiet tul il-viżti pastorali tagħhom. Eventwalment għeb għalkollox meta saret l-estensjoni tat-Tarzna flimkien ma' kappella li kien hemm fil-qrib iddedikata lil San Franġisk de Paola li telgħet fl-1747 min-neputi tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena, il-Balì de Sousa.[6]

## IL-KNISJA TA' SIDTNA MARIJA TAL-PORTO SALVO

Magħrufa wkoll bħala dik "ta' San Filippu" sforz ir-rabta twila li l-Oratorjani kellhom magħha, telgħet minflok oħra ddedikata lill-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Eliżabetta. Bit-twaqqif tal-Oratorju ta' San Filippu, awtonomu minn dak li kien hemm diġà preżenti fil-Birgu fil-knisja ta' Sidtna Marija tal-Anġli wara talba li saret lill-Isqof Balaguer Camarasa fl-1661, l-Oratorjani baqgħu preżenti fil-post sal-1928 meta mietu mewta naturali mal-mewt tal-aħħar membru, it-twajjeb Dun Anġ Raggio li serva ta' Prepostu tal-Oratorju tal-Filippini mill-1882 sa mewtu u sal-lum għadu magħruf għall-ħajja qaddisa tiegħu.

F'din il-knisja wkoll kien isir id-dfin u b'kollox kellha fiha sitta u għoxrin qabar u sotterran bi tliet oqbra oħra riservati għall-Oratorjani u għall-*Figlie di Santa Maria di Lourdes* imwaqqfa mill-istess Raggio. Dan is-sotterran kien jinsab taħt l-artal ta' San Filippu Neri f'kappellun fuq il-lemin tal-artal maġġur. Mal-ftuħ taċ-ċimiterju tal-Addolorata, il-Filippini rċevew l-oqbra nri 52 u 53 *Sotto La Cappella* li fihom eventwalment indifen biss l-aħħar membru tal-Oratorjani tal-Isla, Dun Anġ Raggio fin-nru 52. Illum fil-knisja għadna nistgħu naraw żewġ lapidi funerarji ta' persuni li ndifnu f'din il-knisja: dawk ta' Ġwakkin Psaila u tal-koppja Ġwanni u Anna Xuereb.[7]

Illum il-ġurnata mill-oqsma kollha li servew għad-dfin ġewwa l-Isla m'għadna nistgħu naraw xejn. Iż-żmien, il-progress, il-ħidma tal-għadu u l-iżvilupp kienu lkoll fatturi li wasslu biex dawn l-ispazji jgħibu għalkollox minn quddiemna. Ma nagħmlux ħażin iżda li nfakkru li ċertu bnadi li fuqhom nirfsu ta' spiss, servew, lura fis-sekli, bħala lok għad-dfin tas-Sengleani tal-imgħoddi sabiex hekk iż-żmien ma jnessihomx.

### *Referenzi*

1. Fergħa mnissla mill-Ordni Agostinjan bir-riforma li waqqfitha sseħħ fl-1592. Approvata mis-Santa Sede fl-1610, fil-preżent għandhom djar fl-Italja, il-Brażil u l-Filippini.


2. Bonnici, Alexander (1981), *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina: It-Twelid ta' Belt u ta' Parroċċa*, vol. I, pp. 88, 89.
3. *Ibid.* p. 90.
4. Bonnici, Alexander (1991), *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina: Seklu u Nofs ta' Storja li wasslu għall-Ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji, (1635 - 1786)*, vol. II, p. 104.
5. *Ibid.*, p. 108.
6. *Ibid.*, pp. 325, 326.
7. Vella, H.C.R. (2008), *Senglea Civitas Invicta: L-iskrizzjonijiet li jinsabu fit-Tliet Knejjes ta' Senglea*, pp. 120, 128.